MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Avviz Numru. 327/2014

**Simonds Farsons Cisk plc (C 113)**

**vs**

**Mallia Milanes Kenneth Konrad u Mallia Milanes Lisa Ann**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-2 ta' Ottubru 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' hamest elef ewro, sitt mija u tlieta u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€5,633.13), import tal-prezz ta' diversi merci lilhom mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici skont il-fatturi numri, u dana skond kif jirrizulta mill-prospett datat (Dok. 'A") rilaxxjat mis-socjeta' attrici fir-rigward taghhom, bl-imghaxijiet mid-data tal-fattura relattiva sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali ta' kontra l-konvenuti li huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond riferta posittiva tal-Marixxal Eugenio Mallia datata 5 ta' Jannar 2015 fejn thalliet kopja tal-avviz fl-indirizz tal-konvenuti kif moghti fir-rikors promotur (fol. 16 tergo). Inoltre dakinhar thallew kopja tar-rikors promotur u l-avviz tas-smiegh fil-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar u fl-Ghassa tal-pulizija ta' San Pawl il-Bahar.

Rat illi l-konvenuti gew notifikati dwar ir-rikors permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern nhar it-13 ta' Jannar 2015 (fol 15) u fil-gazzetta lokali The Times of Malta nhar id-19 ta' Jannar 2015 (fol. 20).

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar 2015 il-konvenuti gew imsejha izda ma dehrux, biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti dakinhar tal-21 ta' Jannar 2015.

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Frar 2015 il-konvenuti ma dehrux ghas-subizzjoni taghhom.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef ewro, sitt mija u tlieta u tletin ewro u tlettax-il centezmu (€5,633.13), ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali kontra l-konvenuti u l-imghax jibda jiddekorri mit-2 ta' Ottubru 2014 u cioe' mill-jum tal-prezentata tar-rikors promotur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------